MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2008

Numru. 703/2008

**Il- Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**-vs-**

**Ibrahim Ibrahim**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Ibrahim Ibrahim ta' 54 sena, iben il-mejtin Mohammed u Amine nee' Shoukri, imwieled Beirut, Borg il-Barajina, il-Lebanon fis-16 ta' Dicembru, 1953 u  u residenti fil-fond numru 57, Triq il-Kottonera, il-Birgu jew Nru. 15, Maple Leaf Court, Cross Road, Londra, l-Ingilterra u detentur tal-passaport Malti bin-numru 736139.

a) Akkuzat talli  nhar it-23 ta' Lulju, 2008, ghal-habta tal-11:00 ta' filghodu, filwaqt li kien qed isuq fi Triq it-Tlett Ibliet gewwa Bormla, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni,

jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna feriti gravissimi fuq il-persuni ta' ibnu Omar Ibrahim u fuq Glenn Zammit, liema feriti gravissimi igibu debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew igibu difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh jew igibu sfreggju gravi permanenti, hekk kif iccertifikat minn Dr.Michael Spiteri M.D. u Dr.Alan Drago M.D. rispettivament, it-tobba tat-Taqsima ta' l-Emergenza ta' l-isptar Mater Dei u tobba ohra; u aktar talli

b)Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura ta' l-ghamla Hyundai, mudell Accent, li ghandha n-numru tar-registrazzjoni: QMK -153 bla kont, bi traskuragni u b'mod perikoluz' u aktar talli

c)Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, saq vettura ta' l-ghamla Hyundai, mudell Accent, li ghandha n-numru tar-registrazzjoni: QMK -153 b'giri aktar milli jmissu: u aktar talli

d)Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi saq vettura ta' l-ghamla Hyundai, Mudell Accent, li ghandha n-numru tar-registrazzjoni: QMK-153 fuq in-naha hazina tat-triq.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta' l-imsemmi Ibrahim Ibrahim.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti skond l-art. 533 tal-Kapitolu. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 20 ta' Awissu 2008 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammeta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tghatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-artikolu 226(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll r-regolamenti 75 u 127 ta'l-Avviz Legali 128/1994.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali li hija wahda netta.

Illi l-Qorti kkunsidrat ukoll li s-sewqan ta'l-imputat kien wiehed perikoluz. Pero min-naha l-ohra l-Qorti hija konvinta li l-imputat tghallem l-lezzjoni u zgur li l-ebda piena li tista tinfliggi ma tista tissupera dak li ghaddha minnu l-imputat rinfaccjat bil-konsegwenzi ta'l-agir tieghu partikolarment dawk li jikkoncernaw lil ibnu stess.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikolu 226(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll r-regolamenti 75 u 127 ta'l-Avviz Legali 128/1994, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet lilu addebietati u taghhom tikkundannah prigunerija ghal perjodu ta' sitt (6) xhur liema perjodu b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigi sospiez ghal perjodu ta' sentejn u tiskwalifikah milli jkollu kwalunkwe tip ta' licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt (6) xhur.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------